IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa
## tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 63

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **l-Erbgħa 13 ta' Settembru 2023**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**63.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

63.1.1 Ebda talba ta' apoloġija.

**63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa 62.**

63.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 62 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**63.3 Korrispondenza**

63.3.1 Ebda korrispondenza ma ġiet imressqa għal-laqgħa tal-kunsill minħabba d-diskussjoni u pjanar tal-Birgufest 2023.

**63.4 Jum Il-Birgu 2023**

63.4.1 Is-Sindku qal li kemm il-knisja kif ukoll iċ-ċerimonja ta' Jum il-Birgu, kienu organizzati tajjeb. Is-Sindku irringrazzja lill-Viċi Sindku għall-organizazzjoni taċ-ċerimonja ta' Jum il-Birgu li saret fil-Mużew Marittimu peress li kien previst il-maltemp. Is-Sindku rrimarka li kienet serata li fiha attendew ħafna nies aktar milli kważi kien mistenni.

**63.5 Proġett tal-Pjazza tal-Birgu**

63.4.1 Ma saret ebda referenza dwar il-Proġett tal-Pjazza tal-Birgu minħabba d-diskussjoni u pjanar tal-Birgufest 2023.

**63.6 Birgufest 2023**

63.6.1 Is-Sindku qal li hemm bżonn deċiżjoni finali ta' dak li se jsir fil-Birgufest 2023 peress li l-għada (14 ta' Settembru 2023) se ssir laqgħa għas-sidien tal-ħwienet u l-għaqdiet volontarji tal-Birgu. Barra minn hekk, wasalna xahar qabel u l-programm għadu ma ġiex imħejji.

63.6.2 Wara diskussjoni fit-tul dwar il-grupp Tribali li kien pjanat għall-Ġimgħa 13 ta' Ottubru, ġie deċiż li dan il-grupp ma jdoqqx fil-Birgufest 2023.

Immedjatament saret telefonata mas-Sur Peter Paul mill-grupp Tribali fejn dan wera d-diżappunt kbir tiegħu li xahar qabel, il-kunċert tagħhom ġie kkanċellat. Dan il-kunċert kien primarjament kanċellat minħabba l-fatt li ma kinetx tagħmel sens li tintnefaq spiża fil-palk, sound, dawl u dak kollu relatat mas-*setup* tal-istage peress li dan kien ser jintuża darba biss minħabba li s-Sibt ma kienx se jkun hemm gruppi li jattiraw il-folla u li kellhom bżonn dan is-*setup* partikolari li jużaw il-grupp Tribali. Ġie deċiż ukoll li l-Ġimgħa tal-Birgufest, il-kunsill ma jorganizza ebda attività u jħalli l-għaqdiet u l-ħwienet fil-libertà tagħhom li jorganizzaw xi ħaġa huma fiż-żoni rispettivi tagħhom.

63.2.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li għandna nżidu n-numru ta' mużiċisti fil-kantunieri u diversi postijiet fit-toroq sabiex l-attività tkun aktar mifruxa mal-Birgu kollu.

63.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli qal li se jkun qed jieħu ħsieb huwa li jarma u jixgħel il-linef u l-fanali tat-toroq il-kbar peress li l-kunsillier is-Sur Anton Gellel ma kienx se jkun dispost li jagħmel dan bħas-snin l-imgħoddija.

63.2.5 Is-Sindku talab lill-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi sabiex jikkoordina bħas-soltu l-*bands* ta' żoni differenti u jieħu ħsieb ukoll il-palk ta' Triq it-Torri ta' San Ġwann. Barra minn hekk talbu wkoll sabiex bħas-soltu, jikkoordina mal-volontiera, il-mixgħela tax-xemgħat madwar il-Birgu.

63.2.6 Is-Sindku talab l-għajnuna u l-koperazzjoni ta' kulħadd peress li issa kien fadal biss xahar u ħafna xogħol kien għadu pendenti għall-Birgufest.

**63.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.7.1 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi ġibet l-attenzjoni li fi Triq il-Patri Indri Vella kantuniera ma' Triq San Filippu qed jinħarġu boroż suwed taż-żibel fil-ġranet li mhux suppost.

63.7.2 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-Cleansing Department ser ikun qed jibgħat żewġ Kenniesa assenjati mal-Birgu u b'hekk jintemm il-kuntrattur preżenti.

63.7.3 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli qal li hawn abbuż ta' permessi ta' parkeġġi u għaldaqstant qed ibatu r-residenti. Is-Sindku qal li din l-istqarrija hija waħda serja peress li huwa jew is-Segretarju Eżekuttiv, bil-permess tas-Sindku, li jiffirmaw il-permessi temporanji tal-parkeġġ. Għaldaqstant is-Sindku qal li fuq

din l-istqarrija, mhux se jkun qed jiffirma ebda permess ieħor biex ma jkunx akkużat li qed jingħataw xi permessi bi preferenza. Il-Viċi Sindku qal li r-residenti għandhom jingħataw prijorità għall-parkeġġ filwaqt li jifhem li hemm problema għal min hu mill-Birgu u jiġi jagħti kontribut volontarju fil-komunità.

63.7.4 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-latrina ta' Triq San Dwardu ser tingħalaq u ser jinbeda xogħol ta' tisbiħ fuqha mill-ħaddiema tal-Cleansing Department fil-jiem li ġejjin.

63.7.5 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-applikazzjoni tas-Sur Jonathan Elsworth għas-sejħa interna ta' Assistent Prinċipal Uffiċjali (skala 11). Il-kunsilliera approvaw tali applikazzjoni.

**63.8 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

63.8.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-approvazzjoni **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 56** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6427 sa BOV6444 u HSBC 9840** flimkien ma' ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**63.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

63.8.1 Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa ta` filghaxija (9:00pm). Id-data għal-laqgħa li jmiss ser tkun komunikata aktar 'il quddiem

Konfermati llum: Il-Ħamis 9 ta' Novembru 2023

| | |
|---|---|
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |